SAN LAWRENZ

Il-minuti tas-sebgha u tletin laqgha li nzammet nhar il-Gimgha 15 ta' Novembru 2013 fil-5:00 ta' filghaxija fl-ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| **Ambaxxatur:** | Jason Theuma |
| **Segretarju Ezekuttiv:** | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet tratta l-ittra minghand ir-Regjun t'Ghawdex rigward il-konferenza li ser tinzamm nhar l-4 ta' Dicembru 2013 fil-Grand Hotel, Ghajnsielem konnessjoni mal-20 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

3.2 Giet trattata l-ittra minghand il-Kap tal-Iskola fejn stieden lil Kunsill ghall-inawgurazzjoni tal-Play Area, progett sponsorjat mill-EkoGozo li ser issir mill-Ministru ghal Ghawdex nhar il-Hamis 21 ta' Novembru fil-11:00am.

**4.0 Approvazzjoni tal-Bye law ghall-immanigjar tac-Centru tad-Dwejra**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta d-draft tal-Byelaw. Il-Kunsill qabel li ghandu jistharreg dwar il-klawsola fejn hemm il-hatra tal-Bord. Il-Kunsill qabel li ghandu jistharreg mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar kif ser jinhatar il-Bord u hux ser jithallas.

**5.0 Hajt ta' Triq it-Torri**

5.1 Is-Sindku rrefera ghall-htiega ta' bini mill-gdid tal-hajt ta' Triq it-Torri u ghall-ilmenti li qed nircievu dwaru. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lid-Dipartiment tat-Toroq fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex jekk hux lest li jaghmel ix-xoghol minn naha tieghu anke jekk il-Kunsill johrog l-ispejjes tal-gebel.

**6.0 Ic-Childcare Centre f'San Lawrenz**

6.1 Tqajjmet il-problema li c-Childcare Centre tal-Kunsill tista tiffacja meta c-Childcare Centres jigu b'xejn peress li anke fil-prezent qed isir telf ahseb u ara jekk ma jkollnix income minnhom. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ghandu jikteb ittra lil Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo u jghidlu bis-sitwazzjoni taghna u jekk il-Gvern jistax joffri xi tip ta' ghajnuna.

**7.0 Il-Pavimentar tat-Triq tal-Pjazza u traffic schemes konnessi mieghu**

7.1 Is-Sindku rrefera ghat-traffic schemes kif approvati mit-Transport Malta u ghall-avviz informattiv li ntbaghat god-djar f'San Lawrenz. Huwa semma' li l-avviz intlaqa' tajjeb hafna u b'hekk ir-residenti jkunu nfurmati u preparati ghal kif ser jkunu r-rotot.

**8.0 Il-Weekend Break f'Malta**

8.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li ngabat numru sabih ghal weekend Break. Dan il-weekend ser jiswa €85 kull persuna u li jigu mhallsa mill-individwu.

**9.0 Harga ohra ghall-anzjani**

9.1 Sar qbil li bhala harga ghall-anzjani norganizzaw wahda ghal Milied bhala parti mill-attivitajiet tal-Milied.

## 10.0 Tizjin u Attivitajiet tal-Milied

10.1 Sar qbil li bhala tizjin tal-Milied, peress li l-pjazza ser tkun maqlugha, ghandu jizzejjen l-entratura ta' San Lawenz jew Triq id-Duluri. Sar qbil li ghandna nitolbu stima ta' tizjin minimu peress li l-budget huwa wiehed limitat.

10.2 Rigward attivita' ghall-anzjani, l-Kunsill qabel li ghandu jhalli f'idejn is-sottokumitat ghall-anzjani sabiex johrog bil-proposti tieghu u jimxi fuqhom.

10.3 Sar qbil li ghat-tfal ghandha tigi organizzata l-attivita' tas-soltu nhar is-26 ta' Dicembru 2013.

10.4 Sar qbil ukoll, li fil-prezenza tal-ambaxxatur zaghzugh Jason Theuma, iheggeg liz-zghazagh biex jorganizzaw xi attivita' tal-Milied jew inkella jinghaqdu l-ambaxxaturi ghawdxin sabiex jorganizzaw attivita' kollettiva.

## 11.0 Tindif tal-Widien tad-Dwejra

11.1 Sar qbil li ghandha tintbghat ittra lil Ministeru ghal Ambjent u kopja lil Ministru ghal Ghawdex rigward l-ilment li dahal fil-Kunsill li xi had qed jitfa xi annimali mejtin fil-Wied tad-Dwejra.

## 12.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

12.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-pagamenti gew approvati.

## 13.0 Materji ohra

13.1 Il-Kunsill rega' ddiskuta t-tabla minghand l-MTA u l-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-Qawra tigi mmarkata s-swimming zone . Il-Kunsill qabel li hija difficli hafna li tigi mmarkata swimming zone ghax b'hekk tkun qed tirrestringi lil min ser jaghmel uzu mill-bajja. Is-Sindku semma' li din it-talba saret mill-Ministeru ghal Ghawdex u l-MTA waqt laqgha li kellu huwa flimkien mas-Segretarja ma xi rapprezentanti ohra. Is-Sindku semma' li ghandu jistaqsi mal-Ministeru ghal Ghawdex u mal-MTA dwar kif jinhatar bord li jiddiskuti d-Dwejra u l-Kunsill ma jkunx ikkonsultat dwar l-ghazla tal-kompozizzjoni tieghu.

13.2 Il-Kunsilliera Rose Vella xtaqet li r-rizultati tal-votazzjoni tal-hatra tal-ambaxxaturi jigu ppublikati kif saru skond l-ismijiet, izda sar qbil li peress li l-votazzjoni saret sigrieta r-rizultat jibqa mhabbar kif inhu.

13.3 Il-kunsilliera Rose Vella rreferiet ukoll ghall-ilment li ressaq Rupert Brooke rigward il-konkos ta' taht il-generator tad-Dwejra.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

**Anthony Formosa**

**Sindku**

**Lucienne Haber**

**Segretarju Ezekuttiv**